**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,

**T:**
**E:**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 46**

**Data:** Il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Online, Microsoft TEAMS / Fiżikament mill-Uffiċju Amministrattiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Preżenti fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali :**
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Preżenti Online:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

**46.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.45**

46.1.1 Il-President beda billi għamel kjarifikazzjoni li l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv 45, minkejja li dawn kienu lesti, wara struzzjonijiet li kien ta huwa dawn il-minuti ma ntbgħatux mis-Segretarju Eżekuttiv mal-kumplament tad-dokumenti. Dan sabiex dak li kien hemm miktub ma jippreġudikax il-pożizzjoni u t-taħdidiet li kienu għaddejjin bejn il-Management u l-UĦM fuq il-kwisjoni tal-Azzjonijiet Industrijali mis-Segretarji Eżekuttiv. Il-President semma li huwa ħa din id-deċiżjoni wkoll wara li fl-aħħar Laqgħa tal-Eżekuttiv li saret, dak kollu li ntqal bejn l-Eżekuttiv ġie kkomunikat minn xi ħadd li kien preżenti lis-Segretarji Eżekuttivi u kien diġa qed jiġri fuq facebook posts fil-private group li għandhom is-Segretarji bejniethom.

46.1.2 Il-President kompla billi qara l-minuti kollha hekk kif ġew preżentati mis-Segretarja.

46.1.3 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti.

**46.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 45**

| | |
|---|---|
| **46.2.1 Green Walll, Green Roof u Sistema ta' Irrigazzjoni** | Il-President semma li l-AKL kienet talbet servizz ta' Perit sabiex jistabbilixxi l-piż li jiflaħ il-bejt. Semma wkoll li s-sejħa ser tkun qed tingħalaq l-għada, l-Ġimgħa, 21 ta' Mejju 2021. |
| **46.2.2 Group Life Policy** | Il-President semma li l-amministrazzjoni tal-AKL kienet qed tiġbor l-informazzjoni tal-Membri Eletti sabiex jiġu inklużi u jiddaħlu fil-polza. Semma wkoll li l-ANSEK kienet bagħatet komunikazzjoni lid-Direttur Ġenerali u li fiha ikkupjat l-AKL sabiex tistaqsi dwar jekk il-ħlas ta' din il-polza mill-Kunsill Lokali/ Kunsill Reġjonali huwiex wieħed legali u li jimxi mal-liġijiet finanzjarji tal-Kunsilli. Il-President semma li dan ġara wara li l-polza ġiet offruta biss lill-Membri Eletti u ma ġitex estiża għas-Segretarji Eżekuttivi. Qal dan fid-dawl li hadd mis-Segretarji Ezekuttivi ma qajjem kaz meta ghal diversi snin, il-Kunsilli Lokali kienu qed ihallsulhom il-polza tal-health u accident policies, minkejja li mhux imnizzlin fil-ligi. Huwa qal li l-Assocjazzjoni kienet diga bdiet il-process sabiex isiu l-emendi mehtiega sa minn meta gie awarded it-tender. |

**46.2.3 Fondi LESA**

Il-President semma li għadd hemm madwar 41 rapport pendenti ta' proġetti li għadhom mhumiex kompluti. Dawn jammontaw għal madwar nofs miljun. Il-President semma li kif jagħlaq Mejju 2021 jerġa' jgħati rendikont ta' fondi pendenti li jkunu għadhom ma ġewx utilzzati mill-Kunsilli Reġjonali / Kunsilli Lokali. Is-Sur Michael Fenech Adami reġa' irrimarka li jekk il-fondi ma jiġux utilizzati mill-Kunsilli Lokali, dawn għandhom jgħaddu lir-Reġjun rispettiv sabiex jimplimenta proġett ir-Reġjun. Kien hemm qbil unanimu li l-AKL ma tatix estenzjoni fuq id-data stabbilita, 31 ta' Mejju 2021. Iġifieri sottomissjonijiet minn Kunsilli Reġjoanli/ Lokali wara din id-data ma jiġux onorati. Il-President qal li ma jistax jghaddi flus lir-Rgjuni li kienu allokati ghall-kunsilli lokali. L-assocjazzjoni hija mitluba biex tghaddi l-flus lura lil LESA. Huwa qal li jaghmel aktar sens li dawn il-fondi jigu mizjuda mal-fond ta' din is-sena ta' 950K li l-LESA allokat skont ftehim li sar ricentament ghall-Kunsilli Lokali

**46.2.4 Kontroll tal-Ħamiem**

Il-President semma li l-MoU għall-fondi bejn l-AKL u DLG kien ġie ffirmat. Semma wkoll li qed jitkellmu mal-kuntrattur sabiex jiġi iffirmat l-ftehim u jkun jista' jibda l-proċess.

**46.2.5 Diskrepanza fi ħals ta' bolla fuq il-PE number tal-AKL**

Il-President semma li kien sar aġġustament fuq is-snin 2008 u 2009 fejn kien hemm żball ta' inputting min-naħa tad-Dipartiment tat-Taxxa. Dan l-aġġustament niżżel il-ħlas dovut mill-AKL għal €4,337.38 minn €6,888.76. Minkejja dan il-President semma li s-Segretarja qiegħda f' kunatt mad-Dipartiment sabiex wieħed jara huwiex lok li l-AKL tħallas multi fuq is-somma dovuta li fadal meta qatt ma nġib għall-attenzjoni tal-AKL li hemm xi pendenzi ta' din in-natura.
Fuq proposta tal-Preisdent, l-Eżkekuttiv qabel li wara li jiġu konklużi d-diskussjonijiet mad-Dipartiment tat-Taxxa, l-AKL għandha tħallas din is-somma.

**46.2.6 Rinovar tal-Binja tal-AKL**

Il-President semma li kien hemm laqgħat mal-INDIS, fejn l-AKL talbet li l-binja tgħaddi għandha b' ċens ta' 40 sena flok b' kirja. Il-President semma li l-AKL għaddiet id-dokumenti kollha neċessarji fosthom stimi ta' xogħol li għad irid isir u anki spejjeż li diġa saru. Il-President semma li dan l-ammont tela' għall-madwar €700,000. Semma wkoll li ser tiġi esplorata li jinfetaħ bieb fuq wara tal-binja, sabiex l-AKL ikollha aċċess għall-parkeġġ pubbliku li hemm fit-triq ħdejn il-One.

**46.2.7 Website AKL**

Il-President semma li issa l-website kienet itellgħet live u li din ser tkun qed tiġi aġġornata minn ħin għall-ħin. Semma li kellu jitqabbad fotografu sabiex jieħu għadd ta' ritratti relatati kemm mal-pilasri tal-Viżjoni kif ukoll xenarji mill-lokalitajiet diversi. Semma li dawn ser ikunu qed jintużaw mhux biss għall-website imma wkoll għal dokumenti li l-AKL ser tkun qed tnidi. Il-memnri urew sodisfazzjon ghal mod kif hi prezentata l-website il gdida. Il-link tal-website huwa; www.lca.com.mt

**46.2.8 Bibien tas-Sala**

Il-President semma li l-bibien ġew ordnati u ser ikunu qed jiġu installati dalwaqt.

**46.2.9 Ingaġġ ta' Uffiċjali mal-Kunsilli Reġjonali**

Il-President semma li ma tantx hemm x' jelabora peress li kulħadd kien infurmat b' dak li kien għaddej. Semma li l-permessi ta' dawn il-vacncies ġew revokati minn fuq l-AKL u kienu reġgħu inħarġu fuq id-Diviżjoni. Chev. Paul Farrugia semma li sa fejn jiftakar hu kienu qablu il-Presidenti Reġjonali kollha flimkien mad-Diviżjoni li qabel jinħareġ ir-riklam dan kellu jgħaddi lill-Presidenti Reġjonali sabiex japprovawh. Semma li dan ma sarx u l-avviż intbgħat biss lill-Presidenti Reġjonali x' ħin dan kien lest biex jiġi ppubblikat. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li hu jaqbel ma' dak li kien qed jgħid Chev. Farrugia. Chev. Farrugia semma li hu m' hu ser jimpjega lil ħadd minn dawn l-Uffiċjali qabel ikollu risposta għal dak li bgħat bil-miktub lid-Diviżjoni.

**46.2.10 Azzjonijiet Industrijali Segretarji Eżekuttivi**

Il-President semma li kienet saret laqgħa rikonċiljatorja bejn il-management u l-UĦM. Semma li waqt din il-Laqgħa kien hemm ftehim bejn il-partjijet li ma jiġi kkomunikat xejn la mas-Sindki/Kunsilliera u lanqas mas-Segretarji Eżekuttivi. Dan biex wieħed jevita li jkun hemm interpretazzjonijiet differenti. Ghaldaqstant ma jistax jaghti informazzjoni.

## 46.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 45

46.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Joe Cordina u s-Sur Michael Fenech Adami ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 t' April 2021 u l-20 ta' Mejju 2021 li kienet tammonta għall-€35,168.66.

## 46.4 Komunikazzjoni mill-President

| | |
|---|---|
| **46.4.1 Ħaddiema – Studenti** | Il-President semma li l-AKL kienet bgħatet ċirkulari fejn il-Kunsilli Reġjoanli/Lokali qed ikunu offruti l-opportunita' sabiex jimpjegaw studenti ghal matul ix-xhur tas-sajf sabiex jgħinu fix-xogħol amministrattiv. |
| **46.4.2 Reverse Vending Machines** | Il-President semma li l-AKL għaddiet dokument inizjalli b' xi kummenti u proposti rigward Reverse Vending Machines (skema tal-bottijiet tal-plastik). Semma li l-AKL ser tkun qed tilqa' kummneti sa l-aħħar ta' Mejju peress li għandha tiltaqa' mal-Ministeru tal-Ambjent fil-bidu ta' Ġunju sabiex tiddiskutu dan is-suġġett. |
| **46.4.3 Survey – Komunikazzjoni bejn it-Tobba u l-Pazjenti** | Il- President semma li l-AKL kienet avviċinata minn NGO ta' tobba sabiex ngħinu jitqassam stħarriġ li ser ikun qed isir fuq bażi nazzjonali sabiex wieħed jifhem aħjar l-effettivita' tal-komunikazzjoni li hemm bejn it-tobba u l-pazjenti. Semma li l-AKL ser tkun qed tiċċirkula survey fuq il-pjattaforma YouSafe. |
| **46.4.4 Webinars Dekasteri** | Il-President semma matul ix-xahar ser jitkomplu il-laqgħat tad-dekasteri u din id-darba jmiss li jiġu diskussi id-dekasteru tal-inovazzjoni u dak tal qasam soċjali. Semma li filkaż tal-Innovazzjoni sar kuntatt mal-Ministeru tal-Inovazzjoni kif ukoll l-Istitut Edward Debono. Rigward il-qasam soċjali saret komunikazzjoni ma' Profs. Andrfew Azzopardi u ser ikunu qed jiġi imħejjija erba' seminars qosra. |
| **46.4.5 Tender- Skart Organiku** | Il-President semma li l-AKL kienet ħarġet sejħa sabiex jinġabar skart organiku kull nhar ta' Sibt u Ħadd bejn 1am u l-5am minn żoni turistiċi. Semma li hemm it-toroq li huma stipulati f' din is-sejħa. Semma li l-Gvern ser ikun qed joffri dan is-servizz lill-stabbilimenti kummerċjali għal dawn is-sitt xhur li ġejjin. Semma li ma' din is-sejħa ħarġet ukoll sejħa ta' Contracts Manager sabiex jieħu ħsieb dan il-kuntratt. Is-Sur Fenech Adami semma li sa fejn jaf hu huwa obbligu ta' kull operatur li jkollu kontratt ma' kuntrattur ta' ġbir ta' skart. Huwa irrefera ghall-korrispondenz ali kien bghatt diga lil membri sabiex infurmhom b' dan. |
| **46.4.6 AC Units fuq il-Bejt tal-** | Il-President semma li l-AKL neħħiet 13 AC unit li kienu |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Binja Gvern Lokali
T:
E:

mixħuta fuq il-bejt. Dawn għaddew lil Green MT sabiex jiġu mormija kif suppost. Semma wkoll li trid issir relokazzjoni ta' numru ta' AC units li hemm fuq il-bejt għal fuq it-turetta. Semma li jidher li hemm spiża ta' madwar €3,000 li jaf tvarja skond l-ammont ta' copper użat. Dan ix-xoghol qed isir bi thejjija ghal progett tl-Green Roof.

**46.4.6 PCRB – Bus Shelters**

Il-President semma li kien hemm seduta tal-PCRB rigward installazzjonijiet ta' Bus Shelters, każ li 365 Holdings fetħu kontra l-AKL u l-kumpanija Faces. Semma li waqt din is-seduta ġew sospiżi il-proċeduri sakemm tinqata' s-sentenza ta' każ li l-istess kumpanija fetħet quddiem il-Qorti.

**46.4.8 Ħaddiema CIES**

Il-President semma li Diviżjoni għall-Gvern Lokali tat konferma li l-ħaddiema li hemm mal-AKL taħt l-iskema CIES, il-ftehim ser jiġi mġedded sabiex dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati.

**46.4.9 Swieq fil-Beraħ**

Il-President semma li kienet saret laqgħa kemm mad-Direttur Ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ u s-Sur Brain Montebello mill-istess Dipartiment. Semma li dawn lestew il-proċess kollu ta' rassenja u qed jikkonsultaw mal-bejjiegħa anki bie xjesploraw il-possibbilita' li jarmaw f' żoni oħra ħalli titnaqqas il-lista ta' stennija fost dawn il-ħaddiema. Il-hseb hu li sal-ahhar tas-sena jkunu saru l-konsultazzjonijiet mehtiega mall-Kunsilli Lokali.

**46.4.10 International Blood Donation Day**

Il-President semma li hemm numru ta' Kunsilli Lokali/ Reġjonali li ser ikunu qed jixgħelu l-bini amministarttiv jew monumenti oħra fil-lokalita' b'dawl aħmar sabiex jikkommemoraw dan il-jum. Il-President semma wkoll li ser tkun qed tagħmel filmat sabiex turi uħud mill-binjiet li inxtgħelu. Semma li inġabru kwotazzjonijiet li kienu jvarjaw minn €400 sa €8000. L-AKL iddeċidiet li ma tmurx għall-orħos offerta minħabba l-kwalita' ta' filmat li ġie offrut imma tmur għal waħda medja li ma taqbiża €1,500. Semma li l-ghazla kellha tkun fuq dawk il-Kunsilli li se jixghelu d-dawl tul l-14-il guranta u mhux fil-gurnata propja. Dan ghaliex il-video irid ikun lest biex propju jigi launched fl-14 ta' Gunju.

| | |
|---|---|
| **46.4.11 Kwotazzjoni għall-Servizz ta' Cleaner** | Il-President semma li kienu inġabru tliet kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. Semma li kienu ser imorru għall-orħos offerta. |
| **46.4.12 Kwotazzjonijiet għall-Servizz ta' Accountant** | Il-President semma li kienu miġbura tliet kwotazzjonijiet u li kienu ser imorru għall-orħos kwotazzjoni. |
| **4.4.13 Testijiet ta' smiegħ fil-lokalitajiet** | Il-President semma li numru ta' snin ijlu kien qed isir test ta' smiegħ b' xejn fil-lokalitajiet. Semma li dan kien waqaf meta tabib li kien partner fil-kumpanija li kienet qed tipprovdi dan is-servizz kien ħalla l-kumpanija. Talab lill-Eżekuttiv sabiex l-AKL tesplora l-possibbilita' li toħroġ sejħa ta' interess għal tobba li jkunu jixtiequ joffru dan is-servizz b' xejn fil-lokalita'. L-Eżekuttiv qabel li wieħed għandu jipprova la darba dan mhux ser ikullu piż finanzjarju la fuq l-AKL u lanqas fuq il-Kunsilli Reġjonali/ Lokali |
| **46.4.14 Awditjar tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali** | Il-President semma li wara proposta mill-Asscojazzjoni lil Ufficcju tal-Awditur Generali, saru diskussjonijiet mal-NAO innifsu u anki mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn issa ġie deċiż li l-awditjar finanzjarju jiġi segregat minn dak ta' konformita' ta' proċeduri oħra. Għaldaqstant, semma li NAO ser ikompli jieħu ħsieb l-awditjar finanzjarju filwaqt li d-Diviżjoni ser tkun qed isaħħaħ l-operat tagħha u ser jinfetaħ Direttorat li jieħu ħsieb li l-Kunsilli qed joperaw b' konformita' mal-liġi u l-proċeduri stabbiliti. |
| **46.4.15 Launch ta' 5 dokumenti ta' linji gwida fuq il-Viżjoni tal-AKL** | Il-President semma li bejn Ġunju u Settembru 2021 ser jiġu mnedija ħames dokumenti ta' linji gwida relatati mal-pilastri li qed taħdem fuqhom l-AKL. Semma li launch ser ikun qed isir f' xi post pubbliku pero dati u ħinijiet jingħataw aktar 'l quddiem. |
| **46.4.16 Fondi LESA 2021** | Il-President semma li saret laqgħa mal-LESA sabiex jibda l-proċess sabiex jiġu aġġudikati l-proposti sottomessi mill-Kunsilli Lokali / Reġjonali. Il-President semma li flimkien mas-Sur Mark Grech qed jiffurmaw parti mill-Board tal-għażla għal dawn il-proġetti.<br>Is-Sur Fenech Adami semma li s-sistema ddiskriminat mar-Reġjuni għaliex kien ferm diffiċli li Reġjun japplika għal dawn il-fondi. Semma wkoll li tajjeb li wieħed jara li dawn il-fondi jitqasmu b' mod ekwu bejn il-Kunsilli li applikaw peress li ma kienx hemm weightings ta' kif ser |

jingħataw il-punti. Semma li wieħed għandu jara li ma jkunx hemm abbużi mill-mod ta' kif ser jitqassmu dawn il-fondi, b' konsegwenza li numru ta' Kunsilli Lokali jibqgħu mingħajr fondi. Is-Sur Fava semma li ser ikun qed jara li wara jiġi stabbilit minn applika u liema Kunsilli applikaw, il-fondi jingħataw b' ratio tal-applikanti kif ukoll skont il-kriterji tal-progetti proposti. Semma wkoll li r-Regjuni setgħu applikaw, tant li kien hemm tnejn minn ħamsa li xehtu l-applikazzjoni tagħhom. Semma li idealjament, regjun japplika bi progett li permezz tieghu jiggwadanjaw il-Kunsilli rispettivi kollha tieghu.

**46.5 Affarjiet oħra**

46.5.1 Chev. Paul Farrugia semma li jixtieq jerġa' jqajjem punt li ġieli għamlu waqt Laqgħat tal-Eżekuttiv preċedenti. Chev. Farrugia semma li r-Reġjun qed iħallas fees tal-bank għoljin ħafna peress li l-ammont ta' fondi qabeż sew il-miljun. Chev. Farrugia reġa' sostna li l-multi li qed iħallas bħala Reġjun ser ikun qed inaqqashom mill-fond stess. Is-Sur Michael Fenech Adami qabel ma' Chev. Farrugia. Is-Sur Fava irrimarka li se jierga' jkellem lid-Divizjoni sabiex tfittex thabbar min ha flus mill-iskemi li kienu ghalqu fl-ahhar tas-sena l-ohra ghaliex kieku din mhux biss issolvi din il-problema imma wkoll il-Kunsilli Lokali jkunu jafu jekk l-applikazzjonijiet taghhom kienux ta' success u x' fondi se jiehdu. Dan jghinhom sabiex jippjanaw anki ghal applikazzjonijiet ta' skemi ohra.

**46.6 Aġġornament**

46.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' il-Ħamis, 24 ta' Ġunju 2021 fis-sitta u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mario Fava**
**President**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.46 li nżammet nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju 2021.